MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 66/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Oliva**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta’ Lulju, 2005, ghall-habta ta’ 18.45 hrs u fil-granet ta’ wara :
1. mexxa jew opera attivita’ turistika bl-isem “Angolina” li jinsab gewwa l-Bajja s-Sabiha, B’Bugia, minghajr ma kellu licenzja mahruga ghalhekk mill-Awtorita’;
2. opera l-imsemmi hanut minghajr ma kien awtorizzat bil-licenzja ta’ substitute;
3. pogga jew ippermetta li jitqieghdu mwejjed u siggiet jew ghamara ohra fuq barra ta’ xi stabiliment turistiku, jekk qabel ma tkunx inhargitlu l-licenzja ghal daqshekk mill-Awtorita’;

4. fl-20 ta' Lulju, 2005 u fil-granet ta' wara naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PS 853 F. Sciberras, ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 43(1)(A) Kap. 409, LN 128/2002, artikolu 15(1) Kap. 409, u artikolu 338ee Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-appellant, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti w ikkundannatu jhallas multa ta' elf, mija w erbgha w sittin Euro w disa' w sittin centezmu (€ 1164.69) li jistghu jithallsu b'rati mensili fi zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Marzu, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata fejn sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu w tilliberah minnhom skond il-ligi, jew alternattivament u subordinatament ghal dak mitlub fil-paragrafu precedenti, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti w tirriformaha fil-parti tas-sanzjoni nflitta billi minflok tigi mposta sanzjoni aktar ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal tal-Avukat Generali li bih eccepixxa in linea preliminari l-irritwalita' w n-nullita' tal-appell stante li ladarba ma kienetx intalbet is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza u t-talba ghas-sospensjoni saret biss disghat ijiem wara s-sentenza appellata, l-appellant kien akkwijexxa ghall-istess sentenza.

Semghet it-trattazzjoni dwar din il-pregudizzjali;

Ikkonsidrat;

Illi mill-atti processwali jidher li meta nghatat is-sentenza appellata, ma ntalbitx is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza mill-appellant. Kien biss fil-5 ta' Marzu, 2008 li l-appellant permezz tad-difensur tieghu pprezenta rikors

quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn talab lill-Qorti biex tissospendi l-ezekuzzjoni tas-sentenza. Dak in-nhar stess il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqghet it-talba.

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Mario Mifsud"** (5.5.1994) :-

*"Kwantu ghall-pregudizzjali tan-nullita' u irritwalita' tal-appell minhabba il-mankanza tat-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali, jidher li l-gurisprudenza pparifikat tali mankanza mal-akkwiexxenza, liema akkwiexxenza hija in konflitt mall-volonta' li wiehed jappella (ara **Il-Pulizija vs. Moses Bugeja u Edward Grech**, App. Krim. 28.1.94 ; **Il-Pulizija vs. Frangisk Borg** ,18.1.41; Vol. XXXIII.iv.391 u **l-Pulizija vs. Alfred Ancilleri u John Cauchi**."*

u aktar 'l isfel fl-istess sentenza dik il-Qorti ziedet tghid :-

*"wahda mill-karatteristici tal-process penali fis-sistema taghna huwa , illi kif appena tinghata sentenza , hlief jekk ikun hemm previst mod iehor fl- istess sentenza jew x'imkien iehor fil-ligi, dik is-sentenza ghandha tigi esegwita immedjetament."*

L-istess principju gie ribadit fl-appelli Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Karl Gialanze"** (17.5.94.) u "**Il-Pulizija vs. Francis Micallef"** (5.7.94) , "**Il-Pulizija vs. Francis Scicluna"** (20.1.95) u **"l-Pulizija vs. Carmel Attard"** (30.6.95), "**Il-Pulizija vs. George Cefai**" (23.4.1997) **"Il-Pulizija vs. Victor Vella"** (6.1.2003) u ohrajn.

Illi proprju fl-ahhar kaz appena citat din il-Qorti dahlet fil-kwistjoni ta' meta ma tkunx intalbet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza immedjetament , kif gara f'dan il-kaz u meta din tintalab wara xi granet , izda entro t-terminu tal-appell. Fil-kaz citat l-intervall kien ta' sitt ijiem mentri f' dan il-kaz hu ta' disghat (9) ijiem.

Dik il-Qorti fis-sentenza citata kienet irriferiet ghall-sentenzi precedenti fejn kienet ukoll saret riferenza ghall-artikolu 665 tal-Kodici Kriminali li jghid testwalment li :-

*"Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 28A (li jirrigwardaw sentenzi ta' prgunerija sospizi) u d-dispozizzjonijiet ta' dan il-Kodici dwar il-hlas ta' pieni ta' flus, KULL DECIZJONI GHANDHA TIGI ESEGWITA MINNUFIEH LI TINGHATA.*" (Emfasi ta' din il-Qorti)

Umbaghad irriferiet ukoll ghall-artikolu 416 (1) tal-istess Kodici li jghid testwalment li :-

*"persuna misjuba hatja ...tista' , meta tiddikjara imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza, taqla mill-qorti nferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza ...."*

Dik il-Qorti kienet validament argumentat li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet moqrijin flimkien, necessarjament ifissru li biex it-talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tkun tista' tigi milqugha, jehtieg li tigi maghmula immedjetament kif tkun giet moghtija s-sentenza u b'dan il-mod biss tista tigi evitata l-esekuzzjoni mmedjata tas-sentenza skond l-artikolu 665 citat **.**

Dik il-Qorti umbaghad marret oltre u ddijarat ukoll li t-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza maghmula sitt ijiem wara s-sentenza ma setghetx tigi akkolta bil-ligi, ghax sadattant is-sentenza suppost li kienet gja giet esegwita w li meta l-Ewwel Qorti kienet laqghet it-talba maghmula tardivament ma kienetx kompetenti li tilqaghha w ziedet tghid :-

*"Di fatti wara li s-sentenza tkun giet in esekuzzjoni il-Qorti ma jkollha ebda setgha fuq dik l-esekuzzjoni , hlief li tiddisponi dwar il-mod tal-hlas tal-pieni pekunjarji. Ghalhekk l-akkoljiment mill-Ewwel Qorti tat-talba ta' l-appellant ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza appellata , kien null u bla effett fil-ligi. Bhala konsegwenza l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza ma setghetx tigi sospiza, b'mod allura li l-appellant ma setax jappella."*

Illi huwa minnu li kif gie ritenut fis-sentenza “**l-Pulizija vs. Carmel Attard” [**30.6.95] appena citata, l-gurisprudenza irrikonoxxiet certi eccezzjonijiet, bhal per ezempju fil-kaz ta’ nuqqas ta’ talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza fil-kaz ta’ appell limitat ghall-piena ta’ prigunerija sospiza [App. Krim. “**Pul. vs. M. Mifsud”** fuq citata]; fil-kaz fejn si trattava ta’ l-applikazzjoni tal-artikolu 9 tal-Kap.152 App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia"** [7.10.1994]; fil-kaz fejn l-appellant kien b’ xi mod impedut milli jaghmel it-talba App. Krim. "**La Polizia vs. Pietro Laus et**.", [17.5.1924] jew fil-kaz fejn ikun hemm zball jew nuqqas da parti tal-Ewwel Qorti jew xi ufficjal taghha, fis-sens li t-talba tkun saret u din ma tkunx giet registrata : App. Krim . "**Pul. vs. Karl Gialanze"** [17.5.1994] u "**Pul. vs. Francis Scicluna"** [21.2.1995]. Izda ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi eccezzjonali ma jikkonfiguraw fil-kaz in ezami w, kif irriteniet din il-Qorti fl-appell Kriminali ta' **Carmel Attard”** fuq citat, il-piena tal-multa hija applikabbli w esegwibbli minnufieh u l-fatt li l-appellant ma jkunx ghadu hallasha “*ma jbiddel xejn ghal dak li jirrigwarda l-inappellabilita’ tas-sentenza ossia l-irritwalita’ tar-rikors tal-appell , peress li kif inhu maghruf , anki meta ma jinghatax zmien ghall-hlas , il-burokrazija tal-amministrazzjoni tal-Qorti tiehu granet, gimghat u xi kulltant xhur biex il-multi jingabru."*

Illi din il-Qorti kif preseduta segwiet din il-gurisprudenza fl-Appelli Kriminali “**Il-Pulizija vs. Victor Vella”** [6.1.2003]; **"Il-Pulizija vs. JesmondJoe Abela"** [28.10.2004]; **"Il-Pulizija vs. Raymond Abela"** [9.6.2005]; **"Il-Pulizija vs. Federico Vella"** [22.9.2005]; **"Il-Pulizija vs. Issa Issalem Tewfik"** [2.2.2006]; **"Il-Pulizija vs. Murad Gerrada"** [2.3.2006]; **"Il-Pulizija vs. Disma Attard"** [8.2.2007"; "Il-**Pulizija vs. Anthony u Victor Seguna"** [18.10.2007] ; **"Il-Pulizija vs. Carmelo sive Charles Dingli"** [18.10.2007] u ohrajn u qablet ma dan ir-ragunament u rritjeniet li bil-fatt li l-appellant , ma deherlux li kellu jiddikjara li jrid jappella , mmedjetament wara li nghatat

is-sentenza , kien wassal biex kien inghata bidu effettiv ghall-esekuzzjoni tas-sentenza .

L-abbli difensuri ghamlu riferenza ghall-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fil-kawza “**Il-Pulizija vs Andre’ Sant**” [14.08.2003] fejn f’kaz analogu din il-Qorti ma laqghetx eccezzjoni simili ghal dik in dizamina tal-Avukat Generali ghax irriteniet li la darba s-sentenza tal-multa kienet ghada ma gietx ezegwita, t-talba ghas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza saret entro z-zmien stabbilit ghall-prezentata tar-rikors tal-appell u qabel ma kien pprezentat tali rikors.

Bid-dovut rispett ghal din is-sentenza li tikkostitwixxi *“una rondine*” w cioe’ kaz isolat li jikkonfliggi mal-gurisprudenza precedenti fuq citata, jidher li bl-emenda tal-artikolu 416 u cioe’ biz-zieda tas-sub-artikolu 3A, din l-interpretazzjoni issa tkun tikkozza mad-dispozizzjoni espressa tal-ligi applikabbli llum u cioe’ mill-2006 ‘l hawn. Ghalhekk f’kull kaz tali interpretazzjoni zgur li ma tistax treggi aktar illum wara din l-emenda.

Illi f' dan il-kaz lanqas ma jirrizulta li hu applikabbli is-subartikolu (3A) tal-artikolu 416 li gie mizjud bl-Att XVI tas-sena 2006, ghax dan jirriferi biss ghall-kaz imsemmi fis-subartikolu (3) u cioe' meta l-persuna hatja tkun diga' taht arrest, li mhux il-kaz f' din il-kawza.

Ghal dawn l-motivi, din il-Qorti tilqa’ l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali w tiddikjara l-appell irritwali w null u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------